# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta tallum it-23 ta' Marzu 2022**

**Numru 1**

**Rikors numru 109/22**

Michael Piccinino f'ismu propju u f'isem il-Partit Nazzjonalista
Vs
Il-Kummissjoni Elettorali

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti.

Rat it-twegiba tal-intimat.

Din id-deċizjoni titratta biss dwar jekk din il-qorti għandhiex ġurisidizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

## Konsiderazzjoni:

1. B'referenza għall-eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni li ngħatat mill-intimat, ir-rikorrenti għamlu referenza għall-artikoli 95(2)(b) tal-Kostituzzjoni u 108 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354).

2. Art. 95(2)(b) jipprovdi li din il-qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali għal *"kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 ta' din il-Kostituzzjoni u kull ħaġa riferita lilha skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati"*.

3. L-art. 56 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-każ in eżami peress li r-rikorrenti ma talbux għas-sospensjoni tal-elezzjoni.

4. B'referenza għal Kap. 354 l-art. 108 qiegħed jipprovdi ghall-każ fejn tqum kwistjoni *"..... dwar il-jedd ta' persuna biex tkun jew tibqa' Membru elettiv tal-Kamra tad-Deputati...."*. Dan mhuwiex il-każ li llum għandha quddiemha din il-qorti.

5. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti għamlu wkoll referenza għall-art. 117 tal-Kap. 354, li pero' jirreferi għall-jedd ta' azzjoni quddiem din il-qorti sabiex *"..... tħassar elezzjoni, sew f'xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha"*. Ir-rikorrenti ma talbux dan fir-rikors promotur iżda talbu li terġa' ssir il-votazzjoni fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

6. Ir-rikorrenti jridu li l-votazzjoni li saret fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin terġa' ssir għaliex jallegaw li hemm persuni li qegħdin jiskontaw sentenza ta'

priġuerija ta' iktar minn tnax-il xahar, u li skont art. 58(b) tal-Kostituzzjoni huma skwalifikati milli jkunu reġistrati bħala eletturi, u madankollu ivvutaw.

7. Issa skont l-art. 16 tal-Kap. 354, kull min hu reġistrat bħala elettur għandu, *"..... ikollu dritt li jivvota fl-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra għal dak id-distrett"*.

8. L-art. 35 tal-Kap. 354 jagħmilha ċara li l-Kummissjoni *".... ma jkollhiex jedd li ma tagħtix xi dokument ta' votazzjoni lil elettur li jkun hekk reġistrat sakemm dak l-elettur ma jkunx miet"*. Ma saret l-ebda allegazzjoni min-naħa tar-rikorrenti li fil-votazzjoni li saret fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kien hemm xi eletturi li vvotaw mingħajr ma isimhom kien jidher fir-registru elettorali korrenti. Għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx ma tagħtix id-dokument ta' votazzjoni lil dawk il-persuni li isimhom kien jidher fl-istess reġistru.

9. L-istess liġi tikkontempla l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex jinqata' barra isem ta' elettur jew isiru korrezzjonijiet fir-reġistru elettorali. Dan il-proċess isir quddiem l-Uffiċjal Reviżur bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux quddiem din il-qorti. Saħasitra, l-art. 42 tal-istess liġi jipprovdi li kull applikazzjoni li tkun għadha pendenti sa erbatax-il jum qabel id-data appuntata għall-elezzjoni, għandha tiġi differita *sine die*.

10. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti mhemmx disposizzjoni fil-Kostituzzjoni jew fil-Kap. 354 li tagħti ġurisdizzjoni lil din il-qorti f'każ bħal dak in eżami.

Għal dawn il-motivi tilqa’ l-eċċezzjoni li din il-qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tkompli tisma’ u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti. Għalhekk teħles lill-intimat mill-ħarsien tal-ġudizzju. Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur